Verżjoni Elettronika

MALTA

ATT Nru XXXIX tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439.

ACT No. XXXIX of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Animal Welfare Act, Cap. 439.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

16 ta' Lulju, 2021

ATT Nru XXXIX tal-2021

ATT li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 439.

Emenda tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali.

2. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali l-kliem "multa u priġunerija flimkien." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "multa u priġunerija flimkien:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda meta persuna tinstab ħatja ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jkun jikkonsisti f'moħqrija tal-annimali, il-qorti tista' meta tqis li jkun xieraq, b'żieda mal-piena, tipprojbixxi lill-persuna misjuba ħatja milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit mill-qorti.".

Verżjoni Elettronika

A 784

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 487 tat-12 ta' Lulju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati